MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 14/2013

Dr. Ludvic Caruana
bhala mandatarju specjali ta' l-assenti L Z u l-assenti Saviour Z
u b'digriet tal-25 ta' Frar, 2013 Dr Ludvic Caruana gie nominat bhala kuratur ad litem ta' K C

vs

D C

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur nomine, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi fl-1 ta' Novembru tas-sena 2004, l-attrici welldet tifel minuri bl-isem ta' K u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3672/2004 hawn anness u markat Dok A.

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi l-attrici L Z hija omm dan il-minuri u fil-kolonna intestata 'isem u kunjom', il-konvenut D C gie registrat bhala missier il-minuri.

3. Illi l-attrici L Z qabel it-twelid ta' binha kienet diga' separata *de facto* minn ma' zewgha l-konvenut D C.

4. Illi l-fatt illi binha K Z mhuwiex l-iben naturali ta' D C izda l-iben naturali tal-attur Saviour Z gie dikjarat mill-attrici L Z u mill-konvenut D C fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali taghhom in atti Nutar Silvana Borg Caruana hawn anness u mmarkat Dok. B.

5. Illi sa mis-sena 2004 l-attrici kellha relazzjonijiet intimi mal-attur l-iehor Saviour Z u mieghu biss.

6. Illi fil-perjodu relevanti meta gie koncepit il-minuri K kien hemm l-impossibilita' fizika li l-minuri seta' gie koncepit mill-konvenut C peress illi l-konvenut C qatt ma kkoabita ma' martu L Z bejn it-tlitt mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-minuri u dan peress illi fl-imsemmi zmien l-attrici u l-konvenut C qatt ma kkoabitaw flimkien.

7. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-minuri K gie dikjarat illi missier il-minuri huwa l-konvenut D C, fil-fatt il-minuri gie koncepit fil-kors ta' relazzjoni extra-maritali li l-attrici kellha mal-konvenut Z.

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara illi l-attur Saviour Z huwa l-missier naturali ta' K u mhux il-konvenut D C.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri K (Att numru 3672/2004) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifel', jigi kancellat l-isem D C, u jigi sostitwit bl-isem <u>Saviour Z</u>; u tordna wkoll illi l-

partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' minflok X jigi jaqra XX ; taht il-kolonna 'eta' minflok 32 jigi jaqra 35; taht il-kolonna 'twieled' miflok Bethnal Green London jigi jaqra M; taht il-kolonna 'residenza' minflok Luqa, Malta jigi jaqra Hamrun, Malta; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' minflok P (haj) jigi jaqra V (haj).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentatx risposta guramentata u b'hekk huwa kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-atturi ghal bdil fic-certifikat tal-minuri K C stante li huma jikkontendu li ghalkemm l-imsemmi minuri twieled fiz-zwieg ta' bejn l-attrici u l-intimat D C, (precizament fi zmien meta l-atturi kienu separati *de facto* tant li sseparaw legalment precizament tnax-il gurnata wara t-twelid tal-minuri), u naturalment l-imsemmi minuri gie imnizzel bhala l-wild naturali tal-istess intimat D C, l-atturi jikkontendu li fil-fatt, l-istess minuri huwa l-wild naturali tal-istess atturi u ghalhekk talbu lill-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jigi mibdul,

fis-sens li fil-kolonna relattiva tal-missier tal-imsemmija tarbija jigu mnizzla l-konnotati kollha tal-attur Saviour Z minflok dawk tal-intimat D C.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Illi il-Qorti tirrileva li l-minuri K Z twieled fl-1 ta' Novembru 2004 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 4 tal-process. *Stante* li l-attrici u l-intimat isseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-12 ta' Novembru 2004 fl-Atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana[1] u stante l-presunzjoni legali relatata mal-mizzewgin u z-zmien stabbilit u presunt ghat-twelid tat-trabi wara separazzjoni, l-istess intimat gie mnizzel bhala l-missier tal-imsemmija tarbija. Dan necessarjament ifisser li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kellu ebda alternattiva ohra hlief li jnizzel lil din il-minuri bhala l-wild naturali tal-attrici u l-intimat imsemmi. Min-naha taghha, r-rikorrenti tghid li mhux possibbli li l-intimat huwa missier il-minuri *stante* li huma kienu separati *de facto*, mill-liema zmien l-attrici tikkontendi li qatt ma kien hemm relazzjonijiet intimi li setghu iwasslu ghat-twelid tal-minuri msemmija.

L-intimat Carmelo C ma prezenta ebda risposta guramentata pero' fil-kuntratt ta' separazzjoni msemmi aktar 'il fuq u esebit in atti, ddikjara (kif wara kollox taghmel l-attrici wkoll) li l-minuri K mhux ibnu naturali ghalkemm gie mnizzel bhala tali fuq ic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-partijiet jonqsu milli jipprezentaw xi forma ta' test ta' paternita' li juri b'mod xjentifiku li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat pero' jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li l-minuri fil-fatt huwa l-wild naturali tal-atturi u mhux tal-attrici u l-intimat.

Illi il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-fatt li f'din il-kawza, d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza jew kien parti mill-istess, izda dan mhux necessarju ghall-validita' tal-kawza. Dan qieghed jinghad *ai termini* wkoll tal-kawza fl-ismijiet **Dolores Bartolo vs**

[1] Esebit a fol 6 tal-process

**Simon Bartolo** deciza nhar it-22 ta’ Frar 2012 fejn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta accettat u laqghat it-talbiet attrici ghal bdil fic-certifikat tat-twelid minghajr ma gie kjamat in kawza jew imsejjah id-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-istess haga jista’ jinghad ghall-kawza fl-ismijiet **Adelaide Attard vs Joseph Attard** deciza nhar it-8 ta’ Mejju 2012 fejn ghal darb’ohra, f’kawza ta’ paternita’, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza u ma giex imharrek sabiex jirrispondi ghall-istess. Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li hija prassi li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi mharrek f’kawzi ta’ paternita’ pero’ mill-qari tal-ligi jidher li dan mhux necessarju. Ghalhekk, il-kawza odjerna tista’ tibqa’ ghaddejja b’dan illi meta jkun hemm sentenza li tkun ghaddiet *in judicat* issir l-annotazzjoni necessarja sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat relattiv b’mod formali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-attur Saviour Z huwa l-missier naturali ta’ K u mhux tal-intimat D C;

(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri K (Att numru 3672/2004) hekk kif mitlub u dan billi:

(a) jigi kancellat isem u l-kunjom ‘D C’ mill-kolonna intestata ‘Isem u Kunjom’ ghar-rigward ta’ ‘Missier it-Tarbija’ u minfloku jiddahhal l-isem u l-kunjom tal-attur ‘Saviour Z’;

(c) jigu kancellati n-numri 459191 ittra M mill-kolonna intestata ‘Id-Dokument tal-Identita’ ta’ ‘Missier it-Tarbija’ u minflokhom jitnizzlu n-numri 253769 ittra M;

(d) jigi kancellat in-numru 32 mill-kolonnna intestata ‘Eta’ ta’ Missier it-Tarbija’ u minflok jitnizzel in-numru 35;

(e) jigi kancellat il-post tat-twelid minn ‘Bethnal Green London’ u jigi sostitwit b’ ‘Attard;

(f) jigi kancellat il-post tar-residenza b’dan illi minflok ‘Luqa’ jigi mnizzel ‘Hamrun Malta’;

(g) jigu kancellati l-kelmiet ‘P C (haj) mill-kolonna intestata ‘Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet’ ghar-rigward ta’ ‘Missier it-Tarbija’ u minflokhom jitnizzel ‘VZ (haj)’.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------